# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Ġunju 2007

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990, li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar l-ispejjeż ta' l-installazzjoni u l-operazzjoni tal-funzjoni ta' sostenn tekniku għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (C.SIS)

(2007/472/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-*Benelux*, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (il-"Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990"),

Billi:

(1) L-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 jipprevedi li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-installazzjoni u l-operazzjoni tas-sistema C.SIS, imsemmijin fl-Artikolu 92(3) tagħha, għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Partijiet Kontraenti.

(2) L-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-installazzjoni u l-operazzjoni tas-sistema C.SIS huma regolati minn Regolament Finanzjarju speċifiku, adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-modifika tar-Regolament Finanzjarju tas-sistema C.SIS (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju C.SIS").

(3) Ir-Regolament Finanzjarju C.SIS japplika għad-Danimarka, Finlandja u Svezja, kif ukoll għall-Islanda u n-Norveġja permezz tad-Deċiżjoni 2000/777/KE ([1]).

(4) L-Istati Membri l-ġodda, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru, għandhom jiġu integrati fl-ewwel ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) f'data li għad trid tiġi deċiża mill-Kunsill skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, fil-qafas tal-proġett SISone4ALL.

(5) Minn dik id-data 'l quddiem, dawk l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fir-Regolament Finanzjarju C.SIS.

(6) Huwa raġonevoli li dawk l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ispejjeż storiċi tas-sistema C.SIS. Madankollu, billi huma ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea biss fl-2004, huwa kkunsidrat xieraq li huma jkollhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż storiċi skond l-installazzjoni tas-sistema C.SIS mill-1 ta' Jannar 2005. Huwa kkunsidrat ukoll raġonevoli li huma jikkontribwixxu għall-ispejjeż storiċi ta' l-operazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007.

(7) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([2]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE ([3]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(8) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt G ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kunsidrat flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjonijiet 2004/849/KE ([4]) u 2004/860/KE ([5]).

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/777/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen fid-Danimarka, fil-Finlandja u fl-Isvezja, u fl-Islanda u n-Norveġja (ĠU L 309, 9.12.2000, p. 24).

([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26).

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78).

(9) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2000/365/KE ([1]).

(10) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 2002/192/KE ([2]).

(11) Fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li hija diversament relatata miegħu fis-sens ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(12) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li hija diversament relatata miegħu fis-sens ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 3 tat-Titolu I tar-Regolament Finanzjarju C.SIS:

"— Fil-każ ta' l-Istati li saru Membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, dan l-ammont għandu jiġi kkalkolat biss abbażi ta' l-ispejjeż magħmulin għall-installazzjoni tas-sistema C.SIS mill-1 ta' Jannar 2005. Huma għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ispejjeż ta' l-operazzjoni tas-sistema C.SIS mill-1 ta' Jannar 2007."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SCHAVAN

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).